# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1235/23TA**

**Shokri Bakko (KI 0157798A)**

**vs**

**Kunsill Lokali ta' San Ġiljan**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Shokri Bakko (l-Attur) tal-31 ta' Ottubru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi l-esponenti fis-sitta (6) ta' Lulju 2023 kien mixi fit-Triq Santu Wistin San Giljan;

2. Illi hekk kif nizel minn fuq il-bankina sabiex jaqsam it-triq tfixkel f'gradilja tal-ilma minhabba l-istat malandat taghha;

3. Illi konsegwenza ta' hekk huwa waqa' u kiser saqajh u garab griehi ta' natura gravi;

4. Illi minn dak li setgha jara r-rikorrenti din il-gradilja u l-intorn taghha kien rizultat ta' nuqqas ta' mantunezjoni tat-triq minn naha ta' l-intimat;

5. Illi ma kien ebda sinjali li jindikaw din il-gradilja u l-hofor li hemm madwara;

6. Konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrenti sofra debulizza permanenti u danni stante li spicca bla xoghol;

Jghid ghalhekk l-intimat ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja;

1. tiddikjara li l-konvent huwa responsabbli ghall- incident illi kien involut fih r-rikorrenti meta fis-sitta (6) ta' Lulju 2023 kien mixi fit-Triq Santu Wistin San Giljan u waqa u wegga u kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali minnu sofferti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti occorrendo bl-opra ta ' periti nominandi;

3. Tikkundanna l-intimat biex ihallsu d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) u b'rizerva ghall-ispejjez futuri li jaf jinkorri r-rikorenti u l-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra, kontra l-intimat li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat li l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan (il-Kunsill konvenut) notifikat kif trid il-liġi fit-22 ta' Novembru 2023 baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata.

Rat ir-rikors tal-Kunsill konvenut tal-20 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu talab li jkun ammess li jippresenta risposta ġuramentata. F'dan ir-rikors il-konvenut Kunsill qiegħed għid hekk:

"Illi l-Kunsill Lokali jibda billi jirreleva li minkejja li skont is-sistema tal-Qorti onlajn jirriżulta li l-Kunsill Lokali kien notifikat bil-kawża odjerna fit-tnejn u għoxrin (22) ta` Novembru 2023, l-Kunsill Lokali effettivament sar jaf b`din il-kawża nhar id-dsatax (19) ta` Diċembru 2023;

Illi fil-fatt il-Kunsill Lokali sar jaf bil-kawża odjerna b`kumbinazzjoni meta kien qieghed jivverifika jekk l-istess attur Shokri Bakko ġiex notifikat bil-ittra uffiċjali risponsiva li kienet intavolata mill-istess Kunsill Lokali u li għandha numru tar-referenza 5345/2023;

Illi rinfaċċata b`din l-informazzjoni, l-iskrivana tal-Kunsill Lokali li kienet dakinhar xogħol u inkarigata milli tilqa` kwalunkwe atti tal-Qorti, hija ma setgħetx u ma tistax tiftakar jekk f`dak il-jum il-Kunsill Lokali ġiex notifikat b`atti tal-Qorti. Agħar minn hekk, minkejja diversi tfiċċijiet ġewwa l-ufiċċju tal-istess Kunsill Lokali dawn l-atti baqgħu ma instabux, tant illi l-Kunsill Lokali għandu f`idejh biss il-kopja tar-rikors ġuramentat li għotejna fid-dsatax (19) ta` Diċembru 2023 kif *scanned* fuq is-sistema tal-Qorti onlajn;

Illi isegwi għalhekk illi l-Kunsill Lokali ma weġibx għal kawża odjerna fiż-żmien mhux b`disprezz jew sfida lejn din l-Onorabbli Qorti, iżda minħabba żball uman ġenwin da parti tal-iskrivana tal-Kunsill Lokali;

Illi l-Kunsill Lokali għandu eċċezzjoni x'jagħti fil-mertu u dan joħrog biċ-ċar mid-dokumenti esebiti mill-atturi li jinkludu anke ittra legali risponsiva mibgħuta mingħajr preġudizzju għan-nom tal-Kunsill Lokali permezz ta` liema l-Kunsill Lokali irribatta l-allegazzjonijiet magħmulha mill-istess attur;

Illi l-Kunsill Lokali jiġestixxi fondi pubbliċi li jitħallsu mit-taxxi tan-nies u zgur ma għandux interess li jinħeba jew ma jikkontestax dawn it-talbiet, pero sfortunatament kif ġraw l-Affarijiet kollox waqa` fuq din l-iskrivana li għamlet żball ġenwin bil-konsegwenza li l-Kunsill Lokali waqa` fi stat ta` kontumaċja;

Illi fid-dawl tas-suespost, minħabba l-karenza tal-element ta` sfida lejn l-awtorita` ta` din l-Onorabbli Qorti iżda biss minħabba żball uman, l-elementi tal-Kontumaċja huma nieqsa u l-Kunsill Lokali qiegħed jiġġustifka n-nuqqas tar-risposta ġuramentata tiegħu fil-kawża odjerna;

**Għal dawn ir-raġunijiet, l-Kunsill Lokali qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, okkorendo wara li tappunta dan ir-rikors għas-smigħ kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa, fl-imprem interess tal-ġustizzja:**

1. **Tiddikjara li s-sanzjoni tal-kontumaċja hija punittiva wisq fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kaz u li għaldaqstant din is-sanzjoni ma għandix tapplika; u**

2. **Tordna u tawtorizza lill-Kunsill Lokali konvenut sabiex fiż-żmien prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jippreżenta l-eċċezzjonijiet ġuramentati tiegħu kif ukoll tagħti l-opportunita` lill-istess Kunsill Lokali li jressaq id-difiza tiegħu għat-talbiet attriċi;**

**U dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huwa xieraq u opportun.**"

Rat ir-risposta tal-Attur tas-26 ta' Frar 2024 li biha wieġeb hekk:

1. "Illi l-intimat Kunsill Lokali ta` San Giljan gie notifikat bir-rikors promotur pero naqas li jdahhal risposta fiz-zmien li titlob il-ligi;

2. Illi bhala raguni sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu l-intimat jghid li per osar jaf b`din il-kawza b`kumbinazzjoni meta kien qed jaghmel verifici fuq ittra responsiva intavolata minn l-istess intimat;

3. Illi jghid l-intimat li l-iskrivana li kienet xoghol u inkarigata biex tilqa` l-atti tal-Qorti ma tistax tiftakar jekk giet notifikata bl-atti. Fl-ufficju tal-Kunsill Lokali l-intimat jghid li atti baghqu ma instabux;

4. Illi qabel xejn l-ebda prova ma tresqet fuq ir-rigward;

5. Illi bla pregudizzju ghal dan minn l-atti jirrizulta b`mod car li l-Kunsill Lokali gie notifikat fid-data partikolari u jirrizulta car ukoll minn ircieva l-atti.

6. Illi din l-Onorabbli Qorti taghlimna li kif inhu stabilit mill-gurisprudenza lokali (Cassar v Vassallo-1937):

    1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
    2. Anqas ma tista tigi gustifikata jekk kienet kopuza;
    3. Hemm bzonn li tigi ippruvata kawza gusta;
    4. Din il-kawza gusta jihtieg li tkun tikkonsisti f`impediment;
    5. Biex l-impediment ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci.

2. Illi dawn l-istess principji gew riafferment f`diversi decizjonijiet ta`dawn il-Qrati fosthom Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici, deciza mill-Qorti ta` l-Appell Civili fit-12 ta` Dicembru 1975,u d-decizjoni fl-ismijiet Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul deciza mill-Qorti ta` Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta` Jannar,1999;

3. Illi l-esponenti jazzarda ukoll jghid li l-gustifikazzjoni ta` kontumacja ghandha tibqa` titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b`nota fiz-zmien stipulat fil-kodici ta` Organizzazzjoni u Procedurali Civili,u bhala tali l-eccezzjoni m`ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola;

4. Illi f`dan il-kaz bl-ebda tigbid ta` immaginazzjoni ma jista jigi konkluz li l-intimat kellu kawza gusta u aktar u aktar li din il-kawza gusta kienet ta` xi impediment ghas-semplici raguni li l-persuna li kienet accettat l-att naqset li tipprocessa dan l-istess att skond il-proceduri interni tal-kunsill;

5. Illi la darba r-rikorrenti gie notifikat skond kif titlob il-ligi huwa ghandu jkun responsabbli tan-notifika;

6. Li l-esponenti jaghmlu referenza ghall-insenjament li hareg mill-kawza fl-ismijiet Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited, sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri datata 28 ta` Jannar 2005 li ghamlet ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet “Farrugia v. Farrugia” (Appell-1995) fejn intqal li l-fundament

razzjonali ta` l-istut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpetati b`mod strettissimu favur il-kontumacja;

"…. Il-Qorti tqis l-istut tal-kontumacja bhala mizura ta` natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b`mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifika li jista` jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta` l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata."

"Fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta qed tittenta tiggustifika l-kontumacja taghha ghar-raguni illi minkejja illi hija impustat ic-citazzjoni lil-legali taghha hekk kif din giet notifikata lilha, dan naqas li jiprepara n-nota ta` l-eccezzjonijiet fiz-zmien stipulat mil-ligi, peress illi kien imsiefer u irritorna proprju fl-ahhar gurnata li setghet tigi intavolata l-istess nota.

Ghalkemm huwa minnu illi l-legali tas-socjeta`konvenuta f`tali cirkostanzi ma seta` jaghmel xejn f`dan rigward, u ma jista` jkun hemm ebda culpa da parti tieghu, l-istess ma jistax jinghad ghas-socjeta`konvenuta. Din ma setghetx tehles mir-responsabilitajiet taghha sempliciment billi ghaddiet il-kopja tac-citazzjoni li rceviet lill-avukat taghha. Kien jinkombi lilha li taccerta ruhha li n-nota ta` l-eccezzjonijiet tigi ipprezentata fl-ghoxrin (20) jum stipulat mil-ligi (kif wara kollox hemm indikata fuq il-faccata tal-kopja tac-citazzjoni relattiva notifikata lilha). Il-fatt li l-avukat taghha kien imsiefer seta` jigi verifikat fil-hin, biex jilhqu jittiehdu provvedimenti opportuni alternattivi.

Fid-dawl ta` dan t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Tant ghandhom x` jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Rat li Kawża tħalliet għal-lum biex tingħata sentenza fuq ir-rikors tal-Kunsill konvenut fuq imsemmi.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-ġustifikazzjonijiet prinċipali għalfejn il-konvenut qiegħed jitlob li jkun hemm purgazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u allura jikkontesta l-Kawża b'risposta ġuramentata huma s-segwenti:

1. Li l-iskrivana li dak in-nhar kienet xogħol u inkarigata biex tilqa' atti tal-Qorti ma tistax tiftakar jekk fil-jum indikat fir-riferta saritx in-notifika inkwistjoni.

2. Di piu' meta fittxew fl-uffiċċju biex isibu dawn l-atti dawn ma setgħux jinstabu.

Dwar l-istitut tal-kontumaċja dawn il-Qrati dejjem kienu konsistenti fuq is-segwenti prinċipji:

L-istitut tal-kontumaċja minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu - ta' natura punittiva - huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali.

Għall-bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-esklużjoni tal-konvenut milli jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet kien jiġi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati iżda, tenut kont ta' ċirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesiġu mitigazzjoni fir-regoli tal-proċedura, l-istess Qrati bdew, fil-każi fejn ikun

hekk indikat u fl-aħjar sens ta' ġustizzja, "ixellfu" din ir-riġidita` u dan sewwa sew minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja kienet iġġib magħha. Fil-fatt jirriżulta li l-Qrati tagħna iddeċidew li r-rigorożita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Mal-milja taż-żmien anke l-leġislatur ħass il-bżonn li jintroduċi emendi għal dan l-istatut - hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza għall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iż-żmien għall-preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet ġie estiż għal għoxrin jum u fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibilita` ta' preżentata ta' nota ta' osservazzjonijiet - in omaġġ tal-prinċipju ribadit fil-ġurisprudenza kostanti tagħna li mqar jekk fi stat ta' kontumaċja, il-parti mħarrka kellha titqies bħala waħda li qegħda tirrimetti ruħha għall-ġustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.

Sfortunatament ġara wkoll li maż-żmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-każ, dejjem fl-interess tal-ġustizzja, waslet għal ċerta nuqqas ta' uniformita` u f'ċerti każi anke waslet għal deċiżjonijiet inkongruwi għal xulxin.

Il-**Qorti ta' l-Appell Superjuri bis-Sentenza tat-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet Noel Calleja et -vs- Middle Sea Valletta Assurance**, ipprovat

tikkristallizza l-prinċipji applikabbli fil-kontumaċja sabiex tinħoloq unformita`:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

2. Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

3. Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;

4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

5. L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaċi;

6. L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;

7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*";

8. L-impossiblita' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

Ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita` ġudizzjarja.  Dik il-prezenza

ta' l-imħarrek - fatt fih innifsu pożittiv - hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.

Is-sempliċi indikazzjoni lill-attur da parti tal-konvenut li kien ser jikkontesta t-talba mhux suffiċjenti sabiex tiġi ġustifikata l-kontumaċja.

Issa din il-Qorti eżaminat sewwa l-atti. Skont ir-riferta jirrisulta li fit-22 ta' Novembru 2023 il-Kunsill konvenut kien notifikat bl-atti. L-iskrittura tħalliet f'idejn ċertu Bentley Curmi (a' fol 15 tergo). Hija indikata mill-Marixxal tal-Qorti bħala skrivana kif di fatti anke għid il-Kunsill konvenut fir-rikors tiegħu.

Fit-30 ta' April 2024, is-seduta saħansitra ġiet posposta biex jidher rappresentant tal-Kunsill. Meta reġgħet isejħet il-kawża baqa' ħadd ma ġie għall-Kunsill. Meta l-Qorti staqsiet għalfejn ħadd ma ġie, l-Avukat Maurice Meli qal li għamel minn kollox biex jattendu imma ħadd ma ġie. Għalkemm mhux verbalizzat, il-Qorti anke tat opportunita' lill-imsemmi Avukat biex iċempel lill-klijent kif fil-fatt għamel u xorta baqgħu ma dehrux.

Meta f'seduta bħal din, il-konvenut l-anqas jidher personalment biex jipprova jispjega għala baqa' kontumaċi, il-Qorti tislet żewġ affarijiet. Li l-affarijiet jittieħdu b'leġġerezza u kif ukoll li l-verżjoni mogħtija fir-rikors ma hiex waħda kredibbli. Il-minimu li seta' jsir hu li l-Kunsill konvenut iressaq l-iskrivana fuq imsemmija.

Li kieku l-Qorti tilqa' it-talba tal-Kunsill konvenut tkun qed tapprova n-nonkuranza tal-atti u għemil b'diżvoltura b'dispett lejn il-Qorti. Il-konvenut Kunsill kien jaf b'ċertezza b'din is-seduta tant li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024 dehret Dr. Martina Cuschieri għall-Kunsill konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi **tiċħad it-talbiet** fir-rikors tal-20 ta' Diċembru 2023 (a' fol 23).

Spejjes riservati għal mas-Sentenza finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**